MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Numru 764/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Amanda Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Amanda Vella ta’ 22 sena bint Peter u Rita nee’ Grech, imwielda z-Pieta’ fl-14 ta’ Lulju, 1985 li toqghod 56 Flat 1, Spinola Road, San Giljan u detentura tal-karta ta’ l-identita’ 359685(M) giet akkuzata talli, f’dawn il-gzejjer, fl-24 ta’ Mejju 2007, u/jew fix-xahrejn ta’ qabel din id-data,

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

1. F'San Giljan, ikkommettiet serq ta' flus mill-hanut bl-isem "Arkadia" sitwat f'Portomaso, San Giljan, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, u bil-persuna u sar ghad-detriment ta' Arkadia Supermarkets;
2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, approprjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi igib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CP3 u nnutat li l-imputata m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li it-tieni akkuza li tirrigwarda misapproprjazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat ukoll li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Amanda Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, l-eta tenera tal-imputata u l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputata Amanda Vella ghall-piena ta’ erbatax (14) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Amanda Vella tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-tieni akkuza u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija tieni akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Amanda Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------